MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 923/2005

**Rita mart Vincent Caruana (K.I. numru 61815 M), Victoria mart Francis Azzopardi (K.I. numru 642549 ) u Carmelo Vassallo (K.I. numru 1042045 M)**

**Vs**

**Giovanna Attard mart Pawlu Attard (K.I. numru 534256 M), ghal kull interess li jista' jkollu l-istess Pawlu Attard (K.I. numru 429753 M) u Christopher Attard (K.I. numru 342280 M)**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi l-atturi qua eredi ntavolaw citazzjoni (numru 972/04) fl-ismijiet Rita Caruana et vs Giovanna Attard et fejn talbu d-divizjoni ta’ l-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti Joseph u Giuseppa konjugi Vassallo, illum mejtin (Dokument A);

Premess illi fl-istess citazzjoni l-atturi ppremettew illi “l-konvenuta Giovanna Attard ghandha fil-pussess taghha somma flus ammontanti ghal circa tletin elf liri Maltin, li kienu flus migmugha mill-imsemmija Giuseppa Vassallo’’;

Premess illi konsegwentement l-atturi talbu li l-konvenuta Giovanna Attard tigi kundannata ‘’tirritorna l-flus fil-pussess taghha formanti parti mill-wirt tal-konjugi Vassallo biex dawn jiffurmaw parti mill-assi ereditarji, u fin-nuqqas, tordna lill-konvenuta Giovanna Attard taghmel tajjeb ghal tali nuqqas’’;

Premess illi ghalhekk il-konvenuta Giovanna Attard hija debitrici fil-konfront ta’ l-atturi in kwantu l-konvenuta Giovanna Attard indebitament approprjat sehem l-atturi mill-wirt tal-genituri taghhom;

Premess illi kontestwalment mac-citazzjoni, l-atturi talbu l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 2258/04 ghal ammont ta’ tletin elf liri maltin, liema mandat gie akkordat fl-14 ta’ Dicembru 2004 (Dokument B);

Premess illi rrizulta illi fis-sittax (16) ta’ Dicembru 2004, il-konvenuta Giovanna Attard giet notifikata bl-imsemmi mandat ta’ sekwestru;

Premess illi fid-dsatax (19) ta’ Jannar 2005, il-konvenuta Giovanna Attard giet notifikata bl-atti tal-kawza fuq imsemmija;

Premess illi sussegwentement l-atturi pprezentaw ittra ufficjali numru 3187/05 (Dokument C) li biha interpellaw il-banek sekwestratarji sabiex jiddikjaraw l-ammont fil-

pussess taghhom appartenenti lil l-istess konvenuta Giovanna Attard;

Peress illi rrizulta mill-ittri mibghuta lir-Registratur tal-Qorti mill-banek sekwestratarji li l-konvenuta Giovanna Attard m'ghandha l-ebda fondi hlief ghal ghaxart elef sitt mija u wiehed u hamsin liri Maltin (Lm10,651) minn liema somma jridu jitnaqqsu Lm191 fi spejjez bankarji relatati ma' kont bankarju fiss;

Premess illi sussegwentement l-atturi pprezentaw ittra ufficjali ohra numru 3847/05 (Dokument D) fejn interpellaw lill-bank sekwestrarju Bank of Valletta plc sabiex jiddikjara jekk ghandux fil-pussess tieghu '*safe deposit box'* appartenenti lill-konvenuta Giovanna Attard, izda rrizulta fin-negattiv;

Premess illi ghalhekk mill-ammont indikati mill-banek sekwestratarji rrizulta illi l-mandat ta' sekwestru ma huwiex sufficjenti biex joffri garanzija xierqa in kwanu l-pretensjoni ta' l-atturi kienet ghadha mhux kawtelata;

Premess illi ghalhekk l-atturi talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1302/2005 (Dokument E) sabiex il-konvenuta tigi inibita milli titrasferixxi l-uniku propjeta' li kellha f'isimha u cioe' fond ossia garage bla numru, fi Sqaq numru 7, fi Triq Santa Lucija, Naxxar, liema fond ghandu access minn bieb iehor numru 122, Triq Santa Lucija, Naxxar;

Premess illi mir-risposta tal-konvenuta ghar-rikors tal-mandat ta' Inibizzjoni l-atturi saru jafu illi b'kuntratt ippublikat fit-3 ta' Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri l-konvenuta Giovanna Attard flimkien ma' zewgha Pawlu Attard ittrasferew il-fond imsemmi b'titolu ta' donazzjoni lil binhom il-konvenut l-iehor Christopher Attard, liema kuntratt sar fl-istess gurnata li l-konvenuta Giovanna Attard ipprezentat personalment in-nota ta' l-eccezzjonijiet u halfet id-dikjarazzjoni ghall-kawza imsemmija;

Peress illi dan il-kuntratt sar b'qerq bi hsara tal-jeddijiet ta' l-atturi u l-konvenuta Giovanna Attard kellha l-intenzjoni li tiddefrawda lil l-atturi mid-drittijiet taghhom;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fit-3 ta' Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri, permezz ta' liema gie ttrasferit il-fond fuq deskritt mill-konvenuta Giovanna Attard flimkien ma' zewgha Pawlu Attard, bi hsara tal-jeddijiet ta' l-atturi bl-intenzjoni li dawn jigu defrawdati;

2. konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratt tat-3 ta' Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri bhala null u bla effett;

3. occorrendo tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jersqu ghall-publikazzjoni ta' l-att notarili ta' rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi tat-3 ta' Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri u ghal dan il-ghan tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta' rexxissjoni opportun u kuraturi sabiex jipprezentaw lil l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra talvolta spettanti lill-atturi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 54 tal-process fejn ecepew:**

1. <u>In linea preliminari,</u> l-eccipjenti Giovanna Attard mhix debitrici ta' l-atturi. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza fl-ismijiet "Rita Caruana et vs Giovanna Attard Attard et'' (Citaz. Nru. 972/2004/FS).

2. <u>Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess,</u> l-att ta' donazzjoni mill-eccipjenti Giovanna u Pawlu konjugi Attard a favur binhom l-eccipjenti l-iehor Christopher Attard tal-garage 122, Triq Santa Lucija, Naxxar, pubblikat min-Nutar Dottor Ian Spiteri fit-3 ta' Frar 2005 ma sarx b'qerq jew bi hsara ghall-jeddijiet ta' l-atturi jew bl-intenzjoni li dawn jigu defrawdati.

3. L-eccipjenti ma kkommettew ebda att bil-hsieb jew intenzjoni li jigu danneggjati jew biex issir hsara ghal interessi ta' l-atturi.

4. Bl-att ta' donazzjoni in kwistjoni la giet determinata l-insolvenza ta' l-eccipjenti Giovanna Attard u lanqas tnaqqset is-solvibilita' taghha.

5. Ma jirrikorrux l-elementi rikjesti mill-ligi skond l-Art. 1144 tal-Kap. 16 ghall-ezercizzju mill-atturi tal- "*actio pauliana*"

6. It-tieni talba ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjenti ghandha tkun michuda stante li l-att ta' donazzjoni fuq referit huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

7. Isegwi li anke t-tielet talba ta' l-attur ghandha tkun rigettata stante li m'hemmx lok ghal-pubblikazzjoni ta' l-att tar-rexxissjoni ta' l-att ta' donazzjoni fuq riferit.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni;

**KONTESTAZZJONI**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti wiegbu li Giovanna Attard mhix debitrici ta' l-atturi kif pretiz minnhom ghar-ragunijiet indikati fin-nota ta' eccezzjonijiet

taghha fil-kawza fl-ismijiet “Rita Caruana et vs Giovanna Attard et” (Dok ezibit a fol 58).

Huma ghalhekk talbu is-soprassessjoni ta’ dina l-Qorti sakemm tigi deciza l-kawza imsemmija ghaliex decizjoni f’dik il-kawza tista’ teffettwa l-mertu ta’ dina l-kawza billi hemmhekk Giovanna Attard qed teccepixxi li fil-pussess taghha m’ghandiex flus li jappartjenu lill-assi ereditarji tal-ġenituri taghha, liema pretenzjoni hija l-bazi ta’ azzjoni odjerna ta’ l-atturi.

L-atturi jirritjenu li z-zewg kawzi jistghu jimxu indipendentement minn xulxin.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa’ talba ghas-soprasessjoni :

- meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73);

- meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza ohra (Vol XLVI p2 p 591);

- Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju;

- Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507). Ara wkoll Cuschieri vs On. P.M. (Kostituzjonali 12/8/94)

**Fatti**

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jippretendu li l-konvenuta Giovanna Attard ghandha fil-pussess taghha somma flus li kienet tappartjeni lill ommhom Giuseppa Vassallo. Biex jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom l-atturi hargu mandat ta’ sekwestru izda sabu li l-konvenuta kellha biss

Lm10,651 li ma kienux bizzejjed biex joffru garanzija xierqa. Ghalhekk l-atturi hargu mandat ta' inibizzjoni u sabu li l-konvenuta kienet tat b'donazzjoni l-unika propjeta' li kellha lil binha Christopher Attard il-konvenut l-iehor. Ghalhekk l-atturi ghamlu dina l-kawza biex jattakkaw dan il-kuntratt ta' donazzjoni.

Il-konvenuti qed jippretendu li dina l-Qorti ghandha tistenna Qorti ohra tiddeciedi l-kawza ta' divizjoni li hemm bejn il-partijiet u tiddeciedi jekk Giovanna Attard ghandiex flus tal-genituri taghhom imbaghad dina l-Qorti tkun tista tghaddi biex tiddeciedi jekk d-donazzjoni li saret tal-post lill Christopher Attard hiex nulla jew le.

Il-Qorti hi tal-fehma f'dan il-kaz li jekk isir dak li qed titlob il-konvenuta, l-atturi ser ibatu pregudizzju. L-atturi huma ntitolati minn issa li jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom b'mandati kawtelatorji biex id-drittijiet taghhom ma jigux elusi. Hu ghalhekk fl-interess taghhom li huma jaraw li l-garanziji li l-konvenuti ghandhom jaghtu ma jigux imnaqqsa billi jsiru trasferimenti li meta fl-ahhar minn l-ahhar jigi deciz x'kellha l-konvenuta f'idejha, l-atturi jsibu li dina m'ghandha xejn biex taghmel tajjeb.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li dina l-kawza tista' tipprocedi indipendentement u irrespettivament mill-kawza l-ohra.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta fejn talbet is-soprasessjoni
Spejjez ghall konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------